MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 90/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**
**Vs**

**Mario Meilaq**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-17 ta' Lulju, 2004 ghall-habta ta' xi 11.00 p.m. – 11.15 p.m. f'St. Anthony Street, Marsascala u fi Triq il-Latmija, Zabbar, saq vettura nru. GMY-055 (minibus) :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) b'manjiera perikoluza;**
**3) kif ukoll sew ghax ried jew bi traskuragni, zamm, fixkel jew qatgha l-passagg jew ma halliex spazju**

**ghall-passagg ghal vetturi ohra li kienu qed jaghmlu uzu mill-imsemmija toroq.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Marzu, 2005,  li biha wara li rat l-artikoli 115(1)(a) tal-Kap. 65 u 77 AL 128/1994, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt lira Maltin (LM100) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 t’April, 2005,  li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell billi thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija jew piena.  Alternattivament, jekk dina l-Qorti jidhrilha li ghandu jkun hemm piena, qed tigi mitluba, bir-rispett, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern, partikolarment fir-rigward l-aspett tal-licenzja.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li l-ewwel u qabel kollox n-nuqqas sar u beda minn naha ta’ min ghamel il-kwerela w cioe’ martu li qed taghmel minn kollox biex tikkompromettì lill-appellant u dan , bi zvista, gie injorat mill-Ewwel Qorti;  2. li x-xhieda ta’ martu w habibtha ma humiex attendibbli;  3. li martu taf li l-appellant jghix bix-xoghol li jkollu bil-minibus u l-iskop taghha kien li taghmillu hsara; 4. illi l-agir irresponsabbli ma kienx da parti tal-appellant imma minn-naha ta’ min ghamel il-kwerela ; 5. li l-appellant cahad u spjega l-pozizzjoni tieghu li naturalment kienet konfliggenti u dan ghandu jimmilita favur tieghu.

**Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenzi tad-9 ta’ Gunju w tat-13 ta’ Lulju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti thoss li jkun utili li jigu rikapitolati fil-qosor id-depozizzjonijiet li hi semghet, stante li l-vertenza timpernja fuq kwistjoni ta' kredibilita'.**

P.S. 1428 JESMOND DELIA **xehed li fis-17 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tal-11.30 pm., kienet marret l-ghassa Maria Teresa Meilaq u rraportat li ftit qabel, ghall-habta ta' xil-11 pm kienet iltaqghet ma zewgha l-appellant li kien insolenthom u qabizhom bil-car u beda jrosshom . Hu kien baghat ghall-appellant u dan innega li kien kellimhom hazin u qal ukoll li hu kien miexi fit-triq u ra lil martu ma ragel iehor u dawn bdew jidhqu bih. Hu telaq u b' kumbinazzjoni rega' sabhom fit-triq, qabizhom u gie quddiemhom u baqa' sejjer lejn id-dar ghall-affari tieghu.**

MARIA TERESA MEILAQ **xehdet li dak in-nhar ghall-habta tal-11.15 pm. kienu hi, ommha, l-habib taghha, Pawlu Borg u t-tifla ta' huha sejrin lejn Haz Zabbar mit-triq il-gdida. Gie l-appellant zewgha bil-mini van u qabizhom wara li kien dar u gie ghal warajhom. Meta gie quddiemhom, hu kien beda' miexi bil-mod, inaqqas u jnaqqas u waqqaghhom "*second*" u huma wara xi hin qabzuh . X' hin qabzuh zied l-*speed* u saq jigri warajhom . Huma baqghu sejrin Haz Zabbar fejn l-appellant lahaq maghhom u beda jghajjarhom u jkellimhom hazin . Umbaghad dahlu fi sqaq fejn joqghod huha w l-appellant ma dahalx warajhom hemm. Hi marret ghamlet rapport fil-11.30 pm. Ghal dak li jirrigwarda lilha , tahfer lill-appellant .**

**DONA LISA GRECH**, li ghandha 13 il-sena, xehdet li kienet riekba fil-car misjuqa minn Pawlu Borg sejrin lejn Haz Zabbar fuq wara hdejn in-nanna taghha Lorenza Grech, illum mejta, u gie l-appellant bil-van minibus ahmar tieghu w qabizhom. Hu deher ser idur ghat-triq l-antika li taghti ghall Haz Zabbar izda meta ra li huma kienu ser

jibqghu sejrin ghad-dritt mit-triq il-gdida, dar f' daqqa' w rega' gie quddiemhom u beda' jsuq bil-mod. Bdew jaqbzuhom il-cars u baqghu sejrin bil-mod warajh ghal ftit. Hi twerwret ghax bezghet li ser jahbtu w kienu qed jibzghu. Umbaghad Pawlu Borg qabez lill-appellant u baqghu sejrin Haz Zabbar.

**PAWLU BORG** xehed li hu kien isuq u gie l-appellant u qabizhom. Deher sejjer lejn it-triq l-antika li taghti lejn Haz Zabbar izda meta ra li huma ser jibqghu sejrin ghad-dritt dar u rega' gie quddiemhom it-tieni darba w beda' jsuq bil-mod. Hu kellu jaqa' "**second**" bi xi 20 mfs, 25mfs jew 30 mfs. Kellu jsuq it-triq kollha bil-mod u ma setax jaqbzu. Sadattant l-appellant beda' jghajjat u jirrabja. Hu allura qabez lill-appellant u dan beda' jzid u ghalhekk ix-xhud beda' jsuq, l-appellant baqa' gej warajhom sa Haz Zabbar. **L-APPELLANT**, minn jeddu, xehed li dak in-nhar tal-incident hu kien hiereg minn Wied il-Ghajn u qed jaqsam it-triq u ra lil Pawlu Borg li qed jghix ma martu miexi fuq il-bankina w sema' d-dahq u ra lil Borg jipponta subghajh lejh. Ra lill-martu mieghu w dak il-hin iddispjacih. Tela' fil-van u saq. Veru li kien qabizhom bil-van. Kif kien ser jitla' mit-triq l-antika ra li kien hemm it-traffiku w ddecieda li jdur biex jghaddi mit-triq il-gdida li taghti ghal Haz Zabbar. Beda' jsuq bi xi 35 kfs. Ma ziedx l-speed tieghu meta l-ohrajn qabzuh u baqa' sejjer lejn Haz Zabbar fejn hu joqghod.

Ikkonsidrat;

Li din il-Qorti aktar ittendi biex temmen il-versjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni milli dik pjuttost nebuluza u minimalista tal-appellant u cioe' thoss li rrizulta sal-grad tal-konvinciment u certezza morali li hu saq ghal warajhom go Marsaskala w issorpasshom u meta hu kien ser idur lejn it-triq l-antika w ra li martu u Pawlu Borg kienu ser jibqghu sejrin ghad-dritt mit-triq il-gdida, dar lura f' daqqa w rega' qabizhom. Umbaghad beda' jsuq bil-mod quddiemhom b' mod li ma setghux jissorpassawh u li meta eventwalment irmexxilhom jaqbzuh, ma baqax isuq bi speed baxx imma segwihom bl-istess velocita' li kien

qed isuq Pawlu Borg u baqa' sejjer warajhom sa Haz Zabbar.

Illi l-aggravju tal-appelant li hemm konflitt fil-provi li ghandu jimmilita favur l-appellant mhux fondat Kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux.(ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003] ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Thorne"** [9.7.2003]u ohrajn )

Ikkonsidrat;

Illi stabilit li dak li gara kien kif iddeskrivewh ix-xhieda tal-prosekuzzjoni w mhux kif xehed l-appellant, wiehed irid jara kif dan jinkwadra, jekk jinkwadra, taht it-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Illi dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet, gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i)** negligent**i ; jew (ii)** bla kont **jew (iii)** perikoluz **hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo **[14.3.59] ;** Pul. vs. Wilson **[Vol. XXXIX p. 1018] u** Pul. vs. Alfred Vella **[Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **[Vol.XXXIX p. 1018].) "*Recklessness"* giet defenita bhala "*wilfully shutting one's eye"* (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri **, [Vol. XLIV , p.892] )**

**Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :** "The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-**

***"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."*** **(ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" **[9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo **" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)**

**Umbaghad fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" **( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;-** ***"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."***

***"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ."*** **(ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)**

**Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta'** Mallia **u** Bartolo **fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravji l-ohra tal-appellant huma kwazi kollha fis-sens li l-incident ma bdiehx hu imma Pawlu Borg u martu w li hu kien biss irrejagixxa ghall-inkejja w z-**

**zuffjett taghhom. Issa, kellu kemm kellu ragun l-appellant ihossu ddispjacut u rrabjat meta ra lil martu ma haddiehor u, anki jekk kellu jitwemmen li dawn qabel l-incident bdew jinkuh u jidhku bih, hu qatt ma seta' jkun gustifikat li jsuq kif saq billi l-ewwel jissorpassa l-car fejn kien hemm martu w l-habib taghha, meta ra li huma qabdu triuq ohra, jerga' jdur f' daqqa u jerga' jigi quddiemhom, umbaghad joqghod isuq bil-mod quddiemhom biex jostakolalhom il-passagg u , meta huma qabzuh, isuq ghal warajhom b' mod li anki forsi jintimidihom. Dan kien certament sewqan imprudenti. Il-vetturi mhumiex ghal-loghob jew biex wiehed jipprova jiehu sodisfazzjon jew ibezza' lil haddiehor bihom. Dat-tip ta' sewqan erratiku li rrizulta da parti tal-appellant kien zgur jippekka kontra d-dettami ta' sewqan prudenti li huma mehtiega li jigu osservati biex jigu evitati s-sinistri stradali.**

**Illi pero, meta analizzat id-dinamika tal-allegat sewqan hazin tal-appellant fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizultax dak il-grad ta' sewqan hazin  li jikkostitwixxi r-reat ta' sewqan perikoluz . Jirrizulta biss sewqan b' manjiera traskurata w imprudenti skond l-ewwel imputazzjoni w r-reat ta' natura kontravvenzjonali li fixkel il-passagg ghall-vetturi ohra, kopert bit-tielet imputazzjoni, liema reat pero' hu assorbit fl-ewwel imputazzjoni ghax serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat imsemmi ta' sewqan b' manjiera traskurata.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tielet  imputazzjonijiet w qed tigi revokatha fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni ta' sewqan perikoluz u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' mitt lira Maltin (LM100) u skwalifikatu milli jkollu licenzji tas-sewqan ghall-periodu ta' xahar u minnflok tikkunndannah hamsin lira Maltin (LM50) multa w tissospendieh mill-licenzji**

**kollha tas-sewqan ghall-periodu minimu ta' tmint ijiem li jibdew jiddekorru mil-lejla f' nofs il-lejl.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------